**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 30 ta' Settembru, 2016**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**
**vs**
**Jacqueline Bugeja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jacqueline Bugeja detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 252764M akkuzata talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 t' Ottubru, 2014, ghall-habta ta' l-22.15 ta' filghaxija, gewwa Haz-Zebbug (Malta);

- Ikkagunat diversi offizi fuq il-persuna ta' Nazzareno Gauci, liema offizi jitqiesu li huma gravi skond kif iccertifikat Dr Rebecca Galea M.D. mill-isptar Mater Dei.

- Barra minn dan, l-imputata Jacqueline Bugeja giet akkuzata talli rrendiet ruhha recidiva b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputata milli javvicina lil Nazzareno Gauci u r-residenza tieghi kif ukoll il-post li t-tali persuna tiffrekwenta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Novembru, 2014 (esebit a fol. 19A tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda f' ambitu familjari li sehhet fit-23 t' Ottubru, 2014 ghall-habta tat-22.15hrs f' Haz-Zebbug fejn Nazzareno Gauci sofra griehi ta' natura gravi konsistenti f' lacerazzjoni taht l-ghajn ix-xellugija twila madwar 1.7cm u li l-espert mediku mahtur mil-Qorti, Dr Mario Scerri, iccertifika li tista' thalli marka permanenti fil-wicc (vide rapport relattiv inserit a fol 180 et sequitur tal-atti processwali). Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rrizulta li Wendy Gauci, bint l-allegat vittma kienet f' relazzjoni ma' Francis Bugeja, iben l-imputata odjerna. Fil-gurnata in dizamina nqala argument bejn Wendy Gauci u ommha, missierha, huha u t-tfajla ta' dan ta' l-ahhar meta dawn marru jzuruha fl-appartament taghha f' Haz-Zebbug fejn kien hemm ukoll Natasha Bugeja, bint l-imputata. Meta nqala' l-argument Natasha Bugeja cemplet lil huha Francis Bugeja ghaliex bdiet tibza' u dan mar fuq il-post akkompanjat minn huh Tyson u mill-imputata. Meta dawn waslu fuq il-post bil-vettura misruqa mill-imputata ltaqghu mal-familja Gauci li kienu hergin mill-appartament ta' Wendy u gew fl-idejn fejn sofrew griehi Nazzareno Gauci, Jurgen Gauci u Francis Bugeja. Kif diga' ntqal aktar 'il fuq il-griehi sofferti minn Nazzareno Gauci jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi meta xehed Nazzareno Gauci waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2015 huwa sostna li kien mar jintervjeni meta ra lill-ibnu Jurgen jaqla' daqqiet ta' martell f' dahru minn wiehed mill-ahwa Bugeja u fil-pront qala' daqqa f' wiccu b' tazza tal-hgieg. Ix-xhud qal li din id-daqqa qalaha minghand mara hoxna li harget mill-vettura fejn kien hemm is-sieheb ta' bintu. Huwa indika li din il-mara setghat kienet l-imputata odjerna li huwa qatt ma kien iltaqa' maghha qabel.

Illi meta rega' xehed waqt l-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2015 Nazzareno Gauci qal li xtaq jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputata.

Illi fl-istqarrija minnha rilaxxjata fit-23 t' Ottubru, 2014[1] l-imputata cahdet li kienet ikkagunat xi griehi lil Nazzareno Gauci u sostniet li l-familja Gauci kienu dahlu fihom fuq il-parti ta' wara tal-vettura taghha bil-karozza taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, u dan senjatament mir-rapport tal-espert mediku Dr Mario Scerri li gie nominat fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali u li ezamina lil Nazzareno Gauci xi ftit sighat wara li sehh l-incident, jirrizulta minghajr dubju li Nazzareno Gauci sofra griehi ta' natura gravi f' wiccu. Dr Scerri fir-rapport tieghu jghid li l-lacerazzjoni li Gauci kellu taht ghajnejh setghat thalli debilita' permanenti. Minn imkien mill-atti ma jirrizulta li Gauci rega' gie ezaminat mill-espert mediku sabiex jigi determinat jekk fil-fatt kienx hemm debilita' permanenti. Mir-rapport tal-espert mediku jirrizulta ukoll li Nazzareno Gauci wara li gie debitament avzat li dak li kien ser jghid kien ser jigi rrapurtat lil Qorti, qal li l-griehi li kellu kienu gew kkawzati minn Francis Bugeja.

Illi din il-Qorti tinsab ghalhekk rinfaccjata b' sitwazzjoni fejn a tempo vergine l-allegat vittma qal li l-griehi gew kkawzati minn Francis Bugeja, filwaqt li meta xehed il-Qorti ndika li dawn gew kkagunati minn mara hoxna li setghet kienet l-imputata u fejn imbaghad xahar wara

[1] Inserita a fol 6 et sequitur tal-atti

ghazel li jwaqqaf il-proceduri fil-konfronti tal-imputata. Dan kollu ovvjament johloq dubji serji dwar min effettivament seta' kkaguna l-griehi sofferti minn Nazzareno Gauci. Dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputata u fic-cirkostanzi din il-Qorti m' ghandiex alternattiva ohra salv li tqis li l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputata ma jistghux jitqiesu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi.

**Magistrat**